MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2007

Rikors Numru. 459/2006

Michael Debono Limited
vs
Curtis Rent-A-Car Limited

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors ta' Curtis Rent-A-Car Limited li bih esponiet:

Illi s-socjeta` rikorrenti ai termini ta' dak provvdut fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kienet qed topponi l-ezekuzzjoni tal-kambjali msemmija fl-ittra ufficjali fuq indikata u dan ghar-ragunijiet kif gej:

In linea preliminari s-socjeta` rikorrenti kienet qed tecepixxi n-nullita` tal-kambjali in kwistjoni li ma kienet tista' qatt tigi resa esekuttiva stante l-imsemmija kambjala ma kenitx giet iffirmata mill-kredituri u minn min kien hareg

tali kambjala. F’dan ir-rigward is-socjeta` rikorrenti kienet ghamlet referenza ghall-Artikolu 123 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta’ Malta minn fejn kien johrog car li element essenzjali halli kambjala tkun valida huwa li din tkun iffirmata mit-traent. Ghalhekk tali kambjali kienu nulla u bla effett.

Kien pacifiku fil-gurisprudenza tal-qrati nostrali li element essenzjali ta’ kambjala huwa li tkun iffirmata ‘ad validatatem’ mit-traent. Id-disposizzjoni tal-ligi fuq citata kienet taghmilha cara li l-kambjala riedet tkun iffirmata minn min jigbidha. (Fuq dan il-punt ara sentenza fl-ismijiet Edward Vincenti Kind vs Carmelo Abdilla et deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar il-5 ta’ Ottubru 1954; Walter Zammit vs Pio Callus deciza fid-9 ta’ Settembru 1981 mill-Qorti tal-Kummerc; Antonio Mifsud et vs Dr Carmelo Mifsud Bonnici et noe deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar 29 ta’ Novembru 1974, ‘Alfred Calascione noe vs Dr. Carmelo Mifsud Bonnici et noe deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar 29 ta’ Novembru 1974; Henry A. Pace vs Joseph Azzopardi deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar it-13 ta’ Ottubru 1964 u Phoenix Domestic Appliances Limited vs Joseph Vassallo deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar l-20 ta’ April 2001.

Ghalhekk Michael Debono Limited ma kienet tista’ qatt tipprevalixxi mid-disposizzjoni kontemplata fil-ligi ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Inoltre l-ammont ma kienx dovut kollu stante li s-socjeta` rikorrenti kienet diga` rritornat sitt vetturi u ghalhekk se mai il-valur taghhom kellu jitnaqqas mill-ammont pretiz u jigu ritornati l-kambjali mhallsa, haga li s-socjeta` Michael Debono Limited kienet qed tirrifjuta li taghmel.

Illi ghalhekk l-imsemmija l-ittra ufficjali kienet certament intempestiva ghall-ahhar.

Illi per konsegwenza s-socjeta` rikorrenti kienet hasset li dawn kienu ragunijiet gravi u validi skond il-ligi halli din il-Qorti tissospendi l-eskuzzjoni ta’ dawn il-kambjalijiet.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti talbet lil din il-Qorti joghgobha ghar ragunijiet hawn fuq premessi tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjali li hemm referenza ghalihom fl-ittra ufficjali hawn fuq indikata u dana taht il-provvedimenti li hi jidhrilha xierqa u opportuni.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Michael Debono Limited li biha wiegbet:

Illi fir-rigward ta' l-eccezzjoni preliminari li kienet ghamlet il-kumpanija Curtis Rent-a-Car Limited fir-rigward ta' l-ittra li kienet ipprezentat il-kumpanija intimata ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali *de quo*, fl-ewwel seduta li kienet ser issir fil-31 ta' Ottubru, 2006 il-kumpanija intimata kienet ser tipprezenta l-kambjali originali ffirmati minnha stess ossia mill-kreditur jew traent ta' l-istess kambjali.

Illi f'dan ir-rigward il-kumpanija intimata kienet ghamlet referenza ghall-gurisprudenza tal-Qrati taghna fejn kemm-il darba kien gie konstatat li kambjala li ma tkunx ghadha giet iffirmata mit-traent ma hijiex nulla u dan id-difett kien jista' jigi sanat mit-traent u t-traent kien jista' jiffirmaha fi kwalunkwe stadju anke fil-kors ta' kawza dwar l-istess kambjala u dan ghaliex ma kien hemm ebda terminu fil-ligi impost fuq it-traent ghall-konferma tal-obbligazzjoni permezz tal-firma tieghu (vide C. Apap Bologna et vs Demoncada Ltd et (Prim'Awla, deciza 28 ta' April, 2006) u John Giordimaina et vs Joseph Pace (kopja annessa mar-risposta u mmarkata Dok "RML1");

Illi ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-kumpanija rikorrenti Curtis Rent-a-Car Limited din l-eccezzjoni kienet tirrigwarda l-mertu tal-ftehim bejn il-partijiet li kien wassal ghall-hrug tal-kambjali u bhala tali ma kenitx permessa skond il-ligi ghaliex kif konfermat mill-gurisprudenza ampja tal-Qrati taghna l-kambjala tassumi hajja indipendenti u awtonoma mill-obbligazzjonijiet li kienu wasslu ghall-hrug ta' l-istess kambjala u l-ezistenza tal-kambjala kienet tikkostitwixxi fonti ta' obbligazzjonijiet indipendenti minn kwalsiasi negozju antecedenti anke jekk il-kambjala kienet saret a bazi jew minhabba dan in-negozju. Fil-fatt id-dispozizzjoni tal-ligi li tahtha kien gie

intavolat ir-rikors odjern mill-kumpanija Curtis Rent-A-Car Limited kienet tippermetti biss li dan ir-rikors isir kemm-il darba l-firma fuq dik il-kambjala ma tkunx tal-persuna li taghmel ir-rikors jew tal-mandatarju taghha jew fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi biex topponi dik l-ezekuzzjoni (Artikolu 253 (e) tal-Kap 12). Kien evidenti li dawn ir-ragunijiet gravi u validi kellhom ikunu relatati mal-validita` tal-kambjali nnifisha altrimenti jigu evitati l-principji assodati fuq imsemmija dwar kawzi ta' kambjali.

Ghaldaqstant il-kumpanija intimata kienet irrispondiet illi t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti Curtis Rent-A-Car Limited kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha u l-kumpanija intimata kellha tinghata l-fakulta` li tghaddi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv li l-ligi taghtiha fuq il-kambjali de quo a tenur tal-artkolu 253(e) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (kap 12).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat in-nota tas-socjeta` Michael Debono Limited "li biha tammetti r-rikors odjern fis-sens illi filwaqt illi tirriserva d-drittijiet kollha spettanti lilha ghall-hlas dovut lilha fuq il-kambjali ***de quo*** u l-ammonti kollha l-ohra dovuti lilha mill-kumpanija rikorrenti Curtis Rent-a-Car Limited, f'dan l-istadju u sabiex tirregola ruhha ahjar qed tirrinunzja ghall-ezekuzzjoni tal-kambjali ***de quo*** permezz tal-ittra ufficjali taghha tas-26 ta' April, 2006."

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` intimata, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta` intimata, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta` rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------